15 ta' Gunju, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Onor. Edgar Cuschieri, C.B.E., ne. *versus* Crocefisso Debattista *

## Illeġittimità tal-Persuna — Ministru — Kap ta' Dipartiment — Amministratur Pubbliku — Art. 781, 789, u 180 (a) tal-Proċedura Ċivili

*L-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna tal-attur jew tal-konvenut tista' tingħata meta l-wieħed jew l-ieħor hu inkapaċi skond il-liġi biex joqgħod f'kawża, jew inkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek, fl-isem u fl-interess ta' ħadd ieħor mingħajr ma jkun awtorizzat skond il-liġi għal dagshekk. Imma dik l-eċċezzjoni ma tistax tiġi mogħtija kontra xi waħda minn dawk il-persuni li ssemmi l-liġi, fosthom il-kapijiet tad-dipartimenti jew amministraturi publiċi oħra.*

*Il-Ministri Parlamentari huma amministraturi publiċi wkoll, għall-finijiet tad-dispożizzjoni rilevanti tal-liġi. Kull Ministru Parlamentari hu kostitwit f'organu awtonomu biex jiddiriġi d-dikasteri li għalihom hu prepost, u biex jirrappreżenta l-Istat relattivament għall-funzjonijiet proprji ta' dawk id-dikasteri.*

*Il-Ministru huwa l-persuna leġittima biex jirrappreżenta lill-Gvern f'kull kontroversja relattiva għal kwistjonijiet li jirrigwardaw id-dikasteri li għalihom huwa prepost; imma dan ma jfissirx illi huwa l-Ministru l-persuna leġittima biex jirrappreżenta l-Gvern f'ġudizzju li jirrigwarda kwistjoni li tidħol fl-andament ordinarju tal-amministrazzjoni publika li taqa' taħt dipartiment li għalieh dak il-Ministru hu prepost. Il-persuna leġittima biex jistitwixxi l-ġudizzju relattiv għal dik il-kwistjoni huwa l-kap tad-dipartiment.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, wara li jippremetti illi fil-5 ta' Marzu, 1950, il-konvenut, bla ebda awtorità u abużivament, daħal minn tieqa fl-istabbili numru 10 Marxamxett Street. Valletta, ta' proprjetà tal-Gvern, li kien bil-bieb ta' barra

* Ceduta fl-Appell 16. 12. 55.

msakkar, u baqa', kif għadu, jokkupah mingħajr titolu, jitlob illi, magħmula d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, l-istess konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat jiżgombra l-imsemmi stabbili fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss minn dina l-Qorti; u l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas, in linea ta' danni, is-somma li tkun dovuta għall-okkupazzjoni minnu ta' l-imsemmi stabbili, kalkulata fuq il-bażi ta' £1 fis-sena mid-data ta' l-okkupazzjoni sa' l-effettiv żgumbrament. Bl-imgħax legali. Bl-ispejjeż. Il-konvenut ġie ordnat biex jidher għas-subizzjoni tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, rigward l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut;

Illi l-konvenut jallega illi l-attur mhuwiex il-persuna li jista' skond il-liġi jirrappreżenta lill-Gvern f'din il-kawża, u l-kawża jmissha saret, fil-każ, f'isem il-Ministru tat-Teżor, li hu l-persuna responsabbli għal dan id-Dipartiment;

Illi, skond l-art. 781 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-eċċezzjoni dwar l-illeġittimità tal-persuna ta' l-attur jew tal-konvenut tista' tingħata meta l-wieħed jew l-ieħor hu inkapaċi skond il-liġi biex joqgħod f'kawża, jew inkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek, fl-isem u fl-interess ta' ħaddieħor mingħajr ma jkun awtorizzat skond il-liġi għal daqshekk. Skond l-art. 789 ta' l-istess Kodiċi, imbagħad, l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ma tistax tiġi mogħtija kontra xi waħda mill-persuni msemmijin fil-paragrafu (a) ta' l-art. 180 ta' l-imsemmi Kodiċi; u fost dawna l-persuni huma annoverati l-Kapijiet tad-Dipartimenti jew amministraturi publiċi oħra;

Illi l-eċċezzjoni tal-konvenut mhix dik li l-attur mhuwiex it-Teżorier u Direttur tal-Kuntratti, imma li mhux huwa l-persuna responsabbli għal dan id-Dipartiment, u responsabbli għal dan l-istess Dipartiment hu l-Ministru tat-Teżor, li bħala tali, għalhekk, kien huwa illi kellu jintenta din il-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi l-Ministri Parlamentari huma amministraturi publiċi għall-finijiet ta' l-art. 180(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura

Ċivili; u kull Ministru Parlamentari hu kostitwit f'organu awtonomu biex jiddirigi d-dikasteri li għalihom hu prepost, u biex jirrappreżenta l-Istat relattivament għall-funzjonijiet proprji ta' dak id-dikasteru jew ta' dawk id-dikasteri (Vol. XXVIII-I-463). Ministru hu l-persuna leġittima biex jirrappreżenta l-Gvern f'kull kontroversja relattiva għal kwistjonijiet li jirrigwardaw id-dipartimenti li għalihom ikun prepost. Dan ifisser illi kull Ministru, di fronti għall-uffiċjali li jikkomponu l-organizzazzjoni tad-dikasteru li għall-amministrazzjoni tiegħu jkun prepost, hu l-kap amministratur; u di fronti għall-Parlament u għall-publiku għandu fuqu r-responsabbiltà kollha li tinteressa lill-Gvern fl-espletament tal-funzjonijiet relattivi għal dak id-dikasteru. Imma dan ma jfisserx ukoll illi fi kwistjonijiet oħra, bħal dawk li jirrigwardaw biss l-andament ordinarju ta' l-amministrazzjoni publika inerenti għal dak id-dikasteru, hu l-Ministru l-persuna leġittima biex jirrappreżenta l-Gvern. Għal dawn il-kwistjonijiet il-persuna leġittima biex tirrappreżenta l-Gvern hu l-Kap tad-Dipartiment relattiv. Hekk, biex jinġieb eżempju, hu l-attur fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija li, fost ħwejjeġ oħra, jagħti b'titolu ta' lokazzjoni beni tal-Gvern, u mhux il-Ministru tat-Teżor;

Illi ma hemmx dubju illi dan il-ġudizzju jirrigwarda kwistjoni li tidħol fl-andament ordinarju ta' l-amministrazzjoni publika, u li taqa' tant id-Dipartiment tat-Teżorier u Direttur tal-Kuntratti; u għalhekk il-persuna leġittima biex jistitwieħ hu biss l-attur fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddikjara illi l-attur hu persuna leġittima biex jistitwixxi din il-kawża, u għalhekk tirrespinġi l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut; bl-ispejjeż kontra tiegħu. Il-kawża tiġi differita "sine die", riappuntabbli minn kull wieħed mill-interessati wara illi din is-sentenza tgħaddi f'ġudikat.